MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 312/2005

**The Food House Limited (C-27453)**

**Vs**

**Mallard Company Limited**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' hames mija u tlieta u disghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm593.30c) rapprezentanti kont li l-istess socjeta' konvenuta ghandha mas-socjeta' attrici u liema kont jirrigwarda merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez ta' l-Avviz tat-talba u bl-imghax legali li ddekorru fuq il-kont imsemmi u li kkalkulat sal-31 ta' Dicembru, 2004 jammonta ghal seba' mija u disgha u sebghin lira Maltin u erbgha w erbghin centezmu

(Lm779.44c) kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Emanuel Schembri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------